**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**

**vs**

**Shalon Abela**

*Sentenza wara rikors ta' denunzja mill-Probation Officer tad-09 ta' Novembru 2017*

**Illum, 21 ta' Novembru 2018,**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

"**Shalon Abela**, detentur tal-Karta tal-identità numru 220493(M);"

Talli:

"Nhar il-11 ta' Mejju 2017, ghall-habta ta' 00.45am, gewwa Triq Tumas Fenech, Birkirkara;

1. Bil-hsieb li jikkomettu delitt ta' **serq** aggravat bil-'valur' li huwa izjed minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (232.94 Euros) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37 Euros), bil-'hin' , bil-'mezz', u bil-'vjolenza' urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mil-volonta' taghhom, u dan ghad-dannu tal-familja Cassar *(Art. 41 (1) (a), Art. 261, 262 ,263 u 267 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta)*;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassru, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamlu hsara fil-cafeteria Tre Colonne, fi Triq Tumas Fenech, Birkirkara, hsara liema hsara ma tkunx tiskorri l-mitejn u hamsin Euro (250 Euros).

U talli:

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi wara li gie ikkundannat f'Malta ghal serq, jew ghal ricettazzjoni, instab fil-pussess ta' ghodod ohra tajbin ghal-ftuh jew sgassar ta' serraturi jew instabu ghandu forom ta' serraturi, minghajr ma ta kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu instabu ghandu f'dak il-hin,

Il-Qorti giet mitluba li titratta lill-imputat Shalon Abela bhala recediv ai termini ta’ l-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali, meta huwa kien gie misjub hati u ikkundannat ghall-reati, b’sentenzi ta’ reati Maltin, liema sentenzi saru definittivi.

Rat is-sentenza taghha tat-12 ta’ Mejju 2017, f’liema sentenza l-Qorti ddecidiet hekk:

“Illi stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif migjuba kontra tieghu;

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat Shalon Abela, l-ammissjoni bikrija tieghu u l-fedina penali tieghu minn liema jirrizulta li piena karcerarja ma hiex qed twassal ghar-riforma tal-imputat u in vista tal-istess il-Qorti thoss illi piena karcerarja effettiva ma hiex idoneja fil-kaz li ghandha quddiemha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 31, 41 (1) (a), 49, 50, 261, 262, 263, 264, 267, 269, 278, 279, 280, 289, 325 (1) (c) u 330 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat Shalon Abela hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u taghzel illi tittratta mal-imputat u ghaldaqstant tikkundannah u tordna li jitqieghed taht ordni ta’ probation u servizz fil-komunità, bil-perjodu ta’ Probation ikun ghal zmien tlett snin mil-lum u s-Servizz fil-Komunita ikun ta’ mitt siegha xoghol fil-komunità ai termini ta’ l-artiklu 18 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat fi kliem car l-import ta’ din is-sentenza lill-imputat.”.

Rat ir-rikors tal-Probation Officer tad-09 ta’ Novembru 2017.

Rat l-atti kollha.

Semghet il-provi.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti issa ilha aktar minn sena u cioe mid-09 ta’ Novembru 2017 tisma’ dwar l-andament ta’ l-imputat, wara r-rikors tal-Probation Officer tad-09 ta’ Novembru 2017, fejn fir-raba paragrafu gie dikjarat: “Illi l-imsemmi ghandu problema ta’ dipendenza mid-droga li taghmlu mhux idoneju sabiex jaghmel xoghol fil-komunita”.

Illi din il-Qorti hadet dan iz-zmien kollu sabiex tkun tista’ ssegwi ahjar l-andament ta’ l-imputat matul dan iz-zmien u tkun tista’ twiezen l-imgieba tieghu wara li jkun inghata kull opportunita fit-tul, biex tassew jiddeciedi li jbiddel ir-rotta ghan-nizla li qabad f’hajtu, tenut kont ukoll ta’ l-eta tieghu (23 sena) meta nghatat is-sentenza.

Illi din il-Qorti kienet iddecidiet illi tittratta mal-imputat, tenut kont il-fedina penali refrattarja tieghu, bil-ghan illi flok ma jispicca jghaddi zmien fil-Facilita Korrettiva ta’ Kordin, illi f’dan il-kaz jidher li tali permanenza

ma kinitx qed tkun ta' deterrent jew ta' xi beneficcju ghall-imputat, jinghata opportunita ohra biex ibiddel hajtu ghall-ahjar.

Illi mid-diversi noti dwar l-andament tal-imputat, jirrizulta li l-imputat mhux qieghed jiehu din l-opportunita' bizzejjed bis-serjeta, tant li jaghmel zmien ma jobdix ir-regoli u l-istruzzjonijiet moghtija lilu, jaghmel zmien jirranga l-imgieba tieghu u mbaghad jerga' lura ghall-aghar.

Illi din assolutament ma kinitx il-mira ta' din il-Qorti meta ddecidiet li taghtih din l-opportunita. Jidher li (1) l-imputat mhux qed jiehu dan il-gest lejh bizzejjed bis-serjeta jew inkella (2) ghadu dghajjef wisq u mhux jirnexxielu jzomm lura mit-tentazzjoni li jerga' jaqa' ghad-droga.

Illi ghalhekk il-Qorti ma tistax tippermetti li persuna f'din is-sitwazzjoni tiskonta parti mill-piena taghha bhala servizz fil-komunita, stante li dan jista' jkun ta' detriment ghall-membri ohra tas-socjeta.

Illi ghalhekk l-imputat ma hux idoneju sabiex jesegwixxi l-Ordni ta' Servizz fil-komunita ai termini tal-imsemmija sentenza.

Illi, konsegwentament, din il-Qorti qeghda tirrevoka l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita li kien inhareg fil-konfront ta' l-imputat  bhala parti minn Ordni ta' Probation u Servizz taht l-Artikolu 18 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

U ai termini tal-Artikolu 21 (2) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tittratta mal-imputat daqs li kieku ghadu kif qed jigi dikjarat hati minnHa llum stess u tikkundannah tnax-il xahar prigunerija sospizi ghal tlett snin f'liema zmien l-imputat ghandu jsegwi programm ta' rijabilitazzjoni mid-droga ma'

entita' kompetenti, u tpoggih taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett snin mil-lum.

Il-Qorti spjegat fi kliem car l-import ta' din is-sentenza lill-imputat ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur